- *SERVIZZ TELEFONIKU - APPREZZAMENT TA' PROVI –*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIV ILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 31 ta' Mejju 2001**

**Kawza Numru: 34**
**Citazzjoni Numru: 1394/98/RCP**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Damian Chukwuemeka u Maria Graziella konjugi Iwueke**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi skond l-*agreement* relattiv hawn anness u markat "Dok A" kif ukoll skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu

tas-servizzi moghtija mill-Korporazzjoni Telemalta (awtrici ta' Maltacom p.l.c.), il-konvenuti ghandhom jaghtu lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf disgha mija u tnejn u sittin Lira Maltija u tnax-il centezmu (LM1,962.12), in konnessjoni mas-servizz tat-telefon relattiv ghal-linja bin-numru erbgha, tlieta, erbgha, erbgha, hamsa, sitta, (434456), skond il-prospett hawn anness u markat bhala bhala "Dok B";

Illi interpellati biex ihallsu l-konvenuti baqghu inadempjenti;

Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u ezigibbli;

L-istess socjeta` attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

(1) Tiddeciedi l-kawza skond it-talba tas-socjeta' attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf disgha mija u tnejn u sittin Lira Maltija u tnax-il centezmu (LM1,962.12).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tat-taxxa tas-sisa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti, li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 5 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 6 sa 9 tal-process;

Rat il-verbal tal-15 ta' Lulju 1998 fejn Dr Debono ghall-konvenuti ddikjara li l-konvenuti ammettew illi ghandhom jaghtu s-somma ta' sitt mija u erbgha u tletin lira (Lm634) mill-kont u ddikjara wkoll illi fir-rigward tar-rimanenza talbu *break down* minghand is-socjeta` attrici izda din baqghet ma tatx kaz. Dr Cutajar ghas-socjeta` attrici ddikjara li jobbliga ruhu li jaghti dan il-*break down* lid-difensur tal-konvenuti, u l-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni ghad-9 ta' Dicembru 1998.

Rat il-verbali tad-9 ta' Dicembru 1998, tal-25 ta' Jannar 1999 fejn Dr Debono ddikjara li l-konvenuti ghandhom eccezzjoni valida x'jaghtu u din hija fis-sens li l-kontijiet mibghuta mis-socjeta` attrici ma jirraprezentawx il-*calls* maghmula minnhom, u ghalhekk talab li jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u l-kawza giet differita ghat-8 t'Ottubru 1998 ghall-kontinwazzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti tat-12 ta' Frar 1999 (fol 19 tal-process) fejn gie eccepit:

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont mitlub mhux dovut mill-konvenuti.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol 19 tal-process.

Rat il-verbal tat-8 t’Ottubru 1999 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-11 ta’ Frar 2000.

Rat ir-rikors tal-25 t’Ottubru 1999 fejn il-konvenut talab il-prolazzjoni tas-sentenza.

Rat il-verbal tal-11 ta’ Frar 2000 fejn il-Qorti laqghet it-talba tar-rikors tal-konvenuti b’dan illi ordnat is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u ordnat lill-konvenuti sabiex jipprezentaw il-provi taghhom bil-procedura tal-affidavit sat-28 ta’ April 2000.

Rat in-nota tal-konvenuti tal-25 t’April 2000, fejn permezz taghha prezentaw affidavit (fol 28 sa 29 tal-process).

Rat il-verbali tat-28 ta’ April 2000, tat-23 ta’ Gunju 2000, tad-29 ta’ Novembru 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, tas-6 ta’ Dicembru 2000 fejn il-PL Noel Scerri kkonferma bil-gurament tieghu id-dikjarazzjoni attrici u kkonferma wkoll illi l-*breakdown* inghata lill-konvenut u obbliga ruhu li permezz ta’ nota jesebixxi *breakdown* tal-istess kont, u kkonferma li m’ghandux aktar provi. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-konvenuti ghall-1 ta’ Marzu 2001.

Rat il-verbali tal-1 ta’ Marzu 2001 u tat-3 ta’ Mejju 2001 fejn il-konvenuti u d-difensuri taghhom msejha tlett darbiet baqghu ma dehrux u peress li l-kawza kienet ghall-provi kollha tal-partijiet u l-konvenuti la dehru u lanqas ressqu

provi, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Mejju 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir mis-socjeta` attrici ghaliex hija qed tippretendi li ghandha tithallas l-ammont ta' Lm1962.12 rapprezentanti kontijiet relatati mas-servizz tat-telefon numru 434456 li kien installat ghand il-konvenuti fl-indirizz indikat fuq id-dokumenti relattivi inkluzi dawk esebiti mac-citazzjoni attrici.

Illi fil-fatt mill-prospett esebit bhala dokument 'B' a fol 7 tal-process hemm indikat rendikont ta' l-istess kontijiet mibghuta lill-konvenut mit-2 t'April 1996 sa l-10 t'April 1998, liema prospett huwa datat 27 ta' Mejju 1998. Illi *di piu`* jirrizulta minn dok 'A' a fol 8 tal-process li gie ffirmat ukoll ftehim bejn is-socjeta` attrici u l-konvenut sabiex il-konvenut jibqa' jzomm l-istess installazzjoni ta' servizz telefoniku bin-numru indikat fic-citazzjoni attrici, u li hu fl-opinjoni tal-Qorti sinifikanti *ai fini* ta' din il-kawza, li din l-istallazzjoni saret bil-kundizzjoni li "*the exchange line is not to be barred from the use of overseas direct dialling facility*", liema ftehim jidher li gie ffirmat fl-1 ta' Gunju 1995.

Illi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti huma fis-sens li l-ammont reklamat mis-socjeta` attrici ma hux dovut stante li t-telefonati hemm indikati ma sarux minnhom u/jew mill-apparat taghhom u komplew ziedu li "*generalment il-kontijiet fuq it-telefon imsemmi ma jeccedux l-Lm40*".

Illi infatti in sostenn ta' din l-eccezzjoni l-konvenut ipprezenta affidavit datat 25 t'April 2000 (fol 29) fejn sostna li ilu joggezzjona fuq dawn il-kontijiet ma l-istess socjeta` attrici tant li jekk jigu mqabbla dawn il-kontijiet mal-kontijiet precedenti wiehed jinduna li dawn il-kontijiet huma esorbitanti ghaliex ma jistax ikun li f'sena jigi mitlub li jhallas Lm2000 circa ghal tali servizz kkunsidrat il-fatt li tali servizz kien intiz ghal post residenzjali u mhux kummercjali.

Illi din l-Qorti thoss li fl-ewwel lok il-konvenut bl-ebda mod ma ssostanzja l-allegazzjonijiet tieghu anke rigward il-versjoni tieghu li hu oggezzjona ghal dawn il-kontijiet, apparti l-fatt li huwa sostna li dejjem hallas l-istess kontijiet meta mill-atti proceswali jirrizulta li dan mhux minnu. Dan qed jinghad peress li fl-ewwel seduta li deher quddiem il-Qorti fil-15 ta' Lulju 1998, (fol 13), l-ewwel haga li sostnew il-konvenuti tramite id-difensur taghhom Dr Edward Debono kienet illi "*jiddikjara li l-konvenuti jammettu li ghandhom jaghtu s-somma ta' sitt mija u erba' u tlettin lira Maltin (Lm634) mill-kont ...*". Illi huwa ovvju li ghalkemm il-konvenuti ammettew tali ammont li ilu dovut mit-2 t'April 1996 dan sallum baqa' ma thallasx tant li jifforma parti mis-sorte llum rikjesta u ghalhekk mhux minnu li l-konvenuti

dejjem hallsu l-kontijiet taghhom, tant li lanqas hallsu l-ammonti li huma ammettew li huma dovuti.

Illi fuq dan il-punt huwa wkoll sinifikattiv li tali ammissjoni da parti tal-konvenuti ghall-ammont indikat ta' Lm634 maghmula minnhom fil-15 ta' Lulju 1998 ma giet bl-ebda mod rispekjata fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom, fejn sempliciment sostnew li l-ammont mitlub mhux dovut, u wkoll tali ammissjoni tmur kontra l-paragrafu 3 tad-dikjarazzjoni taghhom fejn sostnew li l-kontijiet tat-telefon taghhom relattiv generalment ma jaccedix l-Lm40.

Illi in vista ta' tali kontradizzjonijiet huwa ovvju fl-opinjoni ta' din il-Qorti li l-versjoni tal-konvenuti *di piu`* mhux ikkorroborata ma tistax tigi accettata, anke ghaliex jirrizulta car almenu mill-ewwel kont tat-2 t'April 1996 fl-ammont ta' Lm634.07 ammess li huwa dovut mill-konvenuti, li minn tali servizz telefoniku kienu jsiru diversi telefonati li jwasslu ghall-ammont pjuttost gholi ta' *calls*. Ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li dan l-ammont ta' *calls* tnaqsu, u certament li l-konvenuti ma ghamlu xejn sabiex jippruvaw dan, anzi mill-prospett esebit a fol 7 tal-process jirrizulta li dawn baqghu isehhu almenu sa l-10 ta' Dicembru 1996.

Illi l-anqas gie pruvat mill-konvenuti li kien hemm xi hsara fl-istess apparat u fil-fatt lanqas saret biss allegazzjoni f'dan is-sens, u fin-nuqqas ta' dan ma jirrizultax li hemm ebda prova kontrastanti mill-prospett esebit mis-socjeta` attrici.

Illi inoltre jigi ndikat ukoll li l-konvenuti kellhom ghad-disposizzjoni taghhom fil-mori tal-kawza *breakdown* tat-telefonati li sarulhom mill-istess servizz telefoniku, pero` *nonostante* dan il-konvenuti bl-ebda mod ma indikaw lill-Qorti fejn ma jaqblux ma l-istess *breakdown* ta' l-istess kont.

Illi fl-ahhar nett jigi rilevat li fid-dikjarazzjoni tal-konvenuti ma hijix cara l-kontestazzjoni taghhom u dan fih innifsu ghandu jirrifletti fuq il-kredibilita` *o meno* ta' l-allegazzjonijiet tal-konvenuti. Dan peress li fid-dikjarazzjoni taghhom jghidu *inter alia* li t-"telefonati" hemm indikati hafna minnhom ma sarux minnhom u/jew mill-apparat taghhom, u dan juri li l-konvenuti ma humiex cari jekk humiex qed jikkontestaw li saru tali telefonati jew li tali telefonati saru izda mhux minnhom izda minn persuni ohra. Dwar dan ma hemm xejn fix-xhieda ta' l-istess konvenut moghtija fl-affidavit tieghu u ghalhekk dan irenda l-versjoni u x-xhieda tal-istess konvenut fl-affidavit tieghu mhux kredibbli.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess l-eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi michuda filwaqt li t-talba attrici ghandha tigi milqugha.

**III. KONKLUZZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:

(2) Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf disgha mija u tnejn u sittin Lira Maltija u tnax-il centezmu (LM1,962.12) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon ghall-linja numru 434456 skond il-prospett esebit bhala Dok 'B' mac-citazzjoni attrici.

Bl-ispejjez inkluzi kull taxxa dovuta fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet mid-data tan-notifka tac-citazzjoni attrici fil-15 ta' Lulju 1998 sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**31 ta' Mejju 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**31 ta' Mejju 2001.**